MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 367/2007

**A f'isimha personali u Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b' digriet ta' l-10 ta' Ottubru 2007 ġew nominati bħala kuraturi deputati tal-minuri B li twieled fl-14 ta' Ġunju 2006**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u C**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Settembru, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni extra-maritali minn liema relazzjoni twieled il-minuri B fl-14 ta' Ġunju 2006 fl-Isptar San Luqa;

2. Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieg ta' l-istess tarbija ġie mniżżel bħala missier it-tarbija bħala *unknown father* (Dok A);

3. Illi l-attriċi ilha separata *de facto* għal diversi snin mir-ragel tagħha D u dan anki skond iċ-ċertifikat tat-twelid hemm dikjarazzjoni illi qabel ma twieled it-tarbija l-istess raġel tagħha kien ilu assenti minn Malta għal aktar minn tlett mitt (300) jum;

1. Illi t-tarbija B għalhekk mhiex il-wild naturali ta' D;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija u partikolarment fil-kolonni intitolati Isem u Kunjom il-missier it-Tarbija, id-dokument ta' l-identita', eta', isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet jiġi sostitwit il-kliem *unknown father* bil-kliem C;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-27 ta' Novembru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jeħtieġ illi r-rikorrenti tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-intimat C sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. *Inoltre*, jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu l-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett.

3. Illi jeħtieġ li jiġi speċifikat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid fit-talbiet attriċi u jeħtieġ illi jiġi korrett l-iżball fit-tieni premessa tar-rikors ġuramentat fejn qed issir referenza għall-Att taż-Żwieġ minflok għall-Att tat-Twelid.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjeż.

Rat li l-konvenut debitament inġunt baqa' ma pprezenta ebda risposta u għalhekk huwa kontumaċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati, ippreżentata fis-26 ta' Novembru, 2007, li permezz tagħha esponew bil-qima:

Illi preliminarjament, l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz żu jirriservaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, kompriż l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern bl-avviż relattiv;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li t-tarbija reġistrata bħala iben missier mhux magħruf fiċ-ċertifikat relattiv hija tal-konvenut C. Il-konvenut imsemmi baqa' kontumaċi iżda jidher ċar li huwa qed jaċċetta l-paternita' tat-tifel li twieled meta r-raġel tal-attriċi kien nieqes minn Malta u allura l-minuri ġie reġistrat bħala iben missier mhux magħruf.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba tal-attriċi.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret.

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi;

Il-korrezzjoni għandha ssir fi żmien għaxart ijiem minn meta l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jigi notifikat b'att ġudizzjarju li jkun jikkontjeni d-dettalji kollha tal-konvenut C;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------